# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

IL-FEHMA KBIRA TAGĦNA KIENET U TIBQA
"MALTA FIL-LSIEN U L-QALB, MALTA MALTIJA"

**Ir-Raba' Sena** **April 1934** **Għadd 38**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

APRIL 1934] IR-RABA' SENA [Għadd 38

*Wieħed min-nuqqasijiet kbar tal-kitieba Maltin hu li huma aktarx imġennbin iż-żejjed fuq naħa waħda, aktarx jerfgħu l-ilma minn ġiebja waħda; fi kliem ieħor l-għażla tas soġġetti sew ta' poeżija kemm ta' proża hi aktarx ta' lewn wieħed, għanja waħda. U tabilħaqq il-kittieba tagħna sissa donnhom ma jridux joħorġu minn bejn il-ħitan tar-rħula wil-ħajja tal-għelieqi. Mhux għax il-ħajja raħlija m'hiex il-qofol ta' ħajjet niesna imma mhux b'daqs hekk għandna ninsew li barra mir-raħal timraħ ħajja oħra, il-ħajja beltija fejn bħal xmajjar ġo baħar wieħed jintefgħu l-problemi soċjali taċ-ċiviltà moderna bil-kobor tagħhom, bit-twegħir tagħhom.*

*Dil-kitba ta' wieħed mill-baranin tiswa biex turi fejn l-aktar huma neqsin il-kittieba ta' Leħen il-Malti.*

## TINĦTIEĠ KITBA OĦRA

Dawn il-jiem, wara li għaqqadna l-għaddijiet ta' "Leħen il-Malti" fi ktieb wieħed, qgħadna niflu l-kitba li dehret fih minn tlitt snin il'hawn. Ġibna quddiem għajnejna t-tfixkil li kellu dan il-ktejjeb, kemm mexa l'quddiem u x'tifħir kbir jistħoqqilhom iż-żewġ studenti (illum tobba) R. Briffa u G. Bonnici, li kienu l-ewlienin mexxejja tiegħu, kif ukoll dawk l-istudenti l-oħra li, flimkien mal-qalbieni Prof. Dun P. P. Saydon, daħlu għal dan ix-xogħol iebes.

Iżda waqt li konna qegħdin inqallbu l-ġrajjiet qosra, jew novelli ntabħna li 90 fil-100 minnhom għandhom xejra waħda: —Raħħal, jew bniedem bla tagħlim u ta' moħħ qasir, huwa l-bniedem ewlieni tal-kotra tan-novelli. Għaliex ? Jewwilla l-Malti għandu jitqiegħed fil-fomm u fil-ġrajjiet tar-raħħala biss ? Għaliex il-moħħ tal-kittieba tan-novelli dejjem igħarrex fl-inħawi tar-raba'? Għaliex dejjem l-istess għamla u xorta ta' kitba ?—Aħna nfisna ħbatna sejrin niddakkru minn din is-sura ta' kitba, iżda, imbagħad, malajr biddilna trieqna mill-aħjar li stajna u mill-ftit li nafu.

Sa fejn nafu aħna, in-novella ma jinħtieġ li tkun biss fuq ir-raħħala u fuq drawwiethom. Kull mita qrajna novelli b'ilsna barranin dejjem sibna suġġetti mżewqin.

L-istess ġralna fi 80 fil-100 tal-poeżiji; sibna li jekk taqta' minnhom "l-mewġiet tal-baħar, il-ward tal-ġonna, il-kħula tas-smewwiet u l-imħabba ta' xi Venere" (għax in-nisa li jissemmew fil-poeżiji—toħroġ il-għaġeb—kollha jkunu ta' ġmiel kbir) mill-bqija ma jibqax wisq x'ittiegħem fihom. Xi żgħażagħ jaħsbu li mita fit-tqabbil tagħhom isemmu l-għoljiet, il-widien u l-kliem l-ieħor li semmejna jkunu għolew fi ħsebijiethom aktar il'fuq milli kien għola l-Professur Piccard fl-aħħar titjira tiegħu fl-istratosfera; u jġibu lilhom infushom bil-qiegħda fuq il-qamar, sieq fuq sieq, qegħdin idoqqu l-Lira ta' Neruni b'kollu kemm huwa l-ħolqien taħt il-ħarsa ta' seħerhom.

Kitba bħal din, m'għandniex xi ngħidu, m'hux ta' min jarmiha, imma, jidhrilna, hemm wisq aktar fejn il-moħħ igħar-rex. —U dan għaliex għandna ngħiduh aħna mita nafu li qegħdin nitkellmu ma' l-aħjar qarrejja ta-lMalti u ma l-aħjar studenti ta' l-*Alma Mater* tagħna, li ma' tulek ja sena jkunu mgħobbijin b'kotba li jiswew mitqilhom deheb??

Kull bidu, tabilħaqq, huwa iebes, iżda issa l-bidu għadda u ntesa; mela nidħlu għal kitba oħra aktar fejjieda, aktar maħsuba, aktar b'saħħitha, aktar imżewqa.

N. Biancardi.

# STEDINA TAS-SINJURA BETTA

Bil-qiegħda fuq siġġu tad-dirgħajn miksi bil-ħarir aħmar, quddiem mejda tal-ġewż b'saqajha mnaqqxin u wiċċha jleqq bħal mera, s-sinjura Betta kienet tidher mitlufa fi ħsebijiet kbar. Rasha mgħaddsa fuq erba' karti mberflin bl-ikħal, taq-bad il-pinna, tbillha fi klamar tal-fidda, tressaqha lejn il-karta biex tikteb, iżda malajr terġa' terfagħha u taħseb.....

In-sinjura Betta, bint is-Sur Gamillu, tabib tal-Gvern, kienet mara minn tagħna kemm trid, iżda mindu żżewġet rikbet il-marda ta' żewġha ; bdiet titkabbar u 'l sħabha, li qabel kienu ħbieb tagħha, issa bdiet tarahom iżgħar minnha u tatihom il-ġenb. Żewġha, s-sur Ferdinandu, kien jiftaħar li hu ġejj minn nisel il-kbarat ; ħu nannuh kien il-Baruni ta' Brija; dam ħafna għażeb, u li ma fettillux iżżewweġ kieku l-barunija kienet taqa' fuq ħuh, in-nannu, u minn għandu (min jaf?) setgħet imbagħad tmiss lilu. Kien jogħxa jitħaddet fuq buż-nannietu bla ma jmerih ħadd ; joħla jekk tgħidlu "Sur Baruni", u bħalxejn jisbirlek xahar jew tnejn jekk ma tmurx tħallsu tal-qbiela nhar Santa Marija. Minnu ddakkret is-sinjura Betta. Bħala martu kien jidhrilha li ġejja wkoll minn nisel il-kbarat u għalhekk bdiet tindeħes ma' sinjuri akbar minnha, tiste-

dinhom u tfittex li tkun mistiedna minnhom, timxi fuqhom u żżomm ruħha, kemm tista', bħalhom. Darba jew darbtejn fis-sena s-sinjura Betta kienet tistieden xi erba' sinjuri ħbieb tagħha. Biex kollox imur sewwa, kienet tibda taħseb minn xi xahar qabel: iżżejjen id-dar mill-aħjar, tperreċ fuq l-imwejjed, mal-ħitan, mat-turġien kemm xarbitelli għandha li żewġha jgħid li għadhom ġejjin minn għand bużnannietu l-barunijiet ta' Brija, tgħodd u tqis kemm sa tixtri ħelu, għax kellha l-fehma li jew tiftaħ biebek u tiftaħar jew tagħalqu u tinsatar; fuq kollox taħseb u tredden f'moħħha 'l min sa tistieden.

Bil-qiegħda fuq siġġu tad-dirgħajn is-sinjura Betta kienet ilha aktar minn siegħa tmaħħaħ u tħammem 'l min sa tistieden. Minn quddiem għajnejha kien għaddej sarbut twil ta' nisa sinjuri, waħda aqwa mill-oħra, u għal kull waħda kienet iddum ittalla' u tniżżel jekk għandhiex tistedinha jew le.

Is-sinjura Nina! Nistedinha? Xieraq li nistedinha; ħabiba tiegħi ħafna; ilna ħbieb mindu konna tfal; tgħarrasna ħabta waħda u ħdarna lil xulxin. Kull fejn tarani ssellemli, tkellimni, tifraħ bija. Inkun nonqos magħha jekk ma nistedinhiex. Iżda tarġa' u tgħid, is-sinjura Nina mhix tal-qatgħa tas-sinjuri l-oħra li jkolli mistednin. Missierha bil-ħanut tal-ħwejjeġ, għalkemm wieħed mill-aqwa ħwienet tal-Belt, u żewġha skrivan il-Qorti. Tassew li mrobbija tajjeb, taf titkellem bl-ingliż, bit-taljan, bil-franċiż, u taf iġġib ruħha daqs l-aqwa sinjura, iżda billi mhix ġejja minn familja għolja, il-mistednin l-oħra jagħtuha l-ġenb, jagħtu l-ħtija lili li stedinthom ma' nies li mhumiex ta' mparhom, u ma jilqgħux aktar l-istedin tiegħi u jagħtuni il-ġenb; mela għal did-darba ma nistedinhiex, imbagħad nistedinha darba oħra waħidha.

Is-sinjura Lwiża! Bil-ħaqq, ma rridx ninsieha. L-ewwel waħda li rrid nistieden. Għadha qatt ma ġiet għandi. Kont nafha biss mill-wiċċ. Iltqajt magħha u kellimtha l-ewwel darba Sant'Anton xi xahrejn ilu. Ma tidherx imkabbra. Fuq kollox għandha t-tifel igħodd ħafna għal Biċe tiegħi. Tifel waħdu, għad jiret il-ġid kollu ta' ommu u ta' missieru. Tarġa, zijuh, il-konti, ma, għandux subien u, jekk anqas ma jkollu, bħalma aktarx li ma ikollux, il-Konti jkun bin is-sinjura Lwiża, u Biċe tiegħi tkun Kontissa. Jaħtieġ inżiegħel biha kemm niflaħ is-sinjura Lwiża, u nerġa' nistedinha weħidha u nżommha ħabiba tal-qalb. Nagħmel kemm nista' biex il-ħsieb ta' moħħi jseħħ.

Il-Markiża Fîmja! Ankas biss ma rrid naħseb fiha! Żgur li ma nistedinha qatt u anqas ma rridha tirfes ġo dari. Jidrilha li m'hawnx aqwa minnha. Jidhrilha li quddiemha kulħadd għandu imejjel rasu. Imma jien ma mnejjilha qatt. Jekk inhi kbira, jien minhix żgħira. U fuq kollox qatt ma ninsa x'għamlitli darba, x'regħxa tâtni! Tiltaqa' miegħi, tkellem lill-

Barunissa Manni, li kienet miegħi, u lili anqas biss ma tħares lejja! Dakshekk taf iġġib ruħha bi kburitha kollha.

Is-sinjura Dora, bint il-Konti Kaspru! Nistedinha, mhux għax għandi xi qatra demm magħha, imma biex nuriha li n-nisel tagħna mhux inqas minn tagħhom. Hi dejjem tgħid li r-razza ta' żewġi mhi xejn, li żewġi ma jiġi xejn mill-Barunijiet ta' Brija, u li kieku jiġi ninnhom m'għandux biex jiftaħar, għax ma kinux xi ħaġa kbira. Għalhekk irrid nistedinha u niktbilha ittra sabiħa, imżejna bi kliem ħelu ta' ħbeberija biex aktar titħajjar tiġi, u mbagħad nuriha x'kienet ir-razza tagħna u minn liema nisel ġejj żewġi. Nuriha l-arblu tar-razza tagħna hemm f'inkwatru ġos-sala; nuriha xi ittri li qegħdin imdendlin fi gwarniċ,li juru x'postijiet għoljin kellhom dejjem nies żewġi; nuriha r-ritratti taż-żejt tagħhom, lebsin kollha u mżejjnin kif jixirqilhom, nuriha r-ritratt ta' l-ewwel barunissa ta' Brija, li kienet l-isbaħ mara u l-aqwa sinjura ta' żmienha, miġjuba minn kulħadd, saħansitra mill-Grammastru. Nuriha li r-razza tagħna kienet laħqet l-ogħla ġieh, meta razzitha kien għadu ħadd ma jaf biha.

* * *

Bil-qiegħda fuq is-siġġu tad-dirgħajn miksi bil-ħarir aħmar is-sinjura Betta għadha mitlufa f'dak il-baħar ta' ħsebijiet. Taqbad il-pinna u terħiha, tikteb u taqra l-ittra qabel ma tagħlaqgħa, taħseb u tħares b'ħarsa mitlufa, u tagħsar moħħa bil-fehmiet li tnisslu fih mindu żżewġet is-sur Ferdillandu.

S.

# Bejn tifel—missieru msiefer—u Ġojjin

(*ĦRAFA*)

"Gojjin ħabibi, moħbi taħt werqa
narak tittawwal b'għajnejk tiflini,
bil-ħarsa tiegħek li tixħet b'serqa
donnok xi ħaġa trid tistaqsini.......

Għasfur ħabibi li dejjem sejjer
minn siġra għal oħra tgħanni u tittajjar,
nisimgħek tgħanni tgħidli l-istejjer,
narak titqâbeż tilgħab imħajjar,

trid, jaqaw, miegħi fil-logħ'b tissieħeb?—
Iċċaqlaq denbek, timsaħ munqarek,
tixtieq li tiegħek inkun is-sieħeb
imżejjen kollni bil-ħafif xagħrek?—

Kemm nagħmel ħwejjeġ li kieku bħalek
jien kelli l-ġwienaħ; flimkien intiru,
u l-ewwel ħaġa teħodni nġagħlek
f'art bogħod minn Malta biex ħbieb insiru.

Kemm xtaqt ikolli da'l ġwienaħ tiegħek,
miegħek nittajjar sa fejn missieri;
mat-tieqa nħabbat il-ġwienaħ miegħek,
nidħol nistaħba wara l-purtieri.

Imbagħ'd jien noqgħod nittawwal sieket,
nara l' missieri jitgħaxxaq bija
fir-ritratt ċkejken, jew narah rieqed
joħlom bid-daħka fuq fommu għalija......

Mas-sebħ fil-għodu, bil-ħlewwa l-ħlewwa,
nolqtu bil-ġwienaħ! lil xofftu nbus....
Oh kemm jistagħġeb, kos għidli s-sewwa;
bil-ferħ jagħtini kemm irrid flus!"

Wieqaf jisimgħu lit-tfajjel qagħdlu
il-ġojjin għaqli jixtarr u jiżen....
kull nifs u kelma minn fommu ħadlu:
urieh bil-ħarsa li tah xi widen.

Beda biex samma' zekzika sħiħa,
imbagħ'd qal: "Twila, bogħ'd ħafna t-trieq;
ibni, it-trieq twila; tibqa' bir-riħa,
u t-tarf le tasal bħalma tixtieq"—

Raġa' imbagħ'd zekzek; siket ħosbien,
għajnejh ikemmex: "Biċċa tal-ħsieb;
se tagħmel" qallu, "għar-rqad, l-għajxien?—
Logħbok taħsibha; ngħidlek ta' ħbieb."

"Ja ġojjin sieħbi la tħabbelx rasek;
tgħidilna n-nanna: nidħlu fl-egħrejjex,
bil-lejl fuq siġra nistrieħu, u nagħsek
ma' nagħsi qiegħed; ngħixu bil-ħxejjex."

"Jewwilla n-nanna f'rasek deffsitlek"—
dlonk l-għasfur wieġbu—"din il-ħmerija?—
Fuq dawn il-ħwejjeġ flok ma ħarrfitlek
u għall-ġwienaħ qalbek b'xewqat timlieha;

jien naħseb, ibni, aħjar in-nanna
tgħallmek tħożż ittra qagħdet ftit ħdejk,
Flok b'dawn il-ġwienaħ noqgħod nitqanna,
dan li kont nagħmel, li kelli idejk."

A. C.

# SIEĦEB MUQRAN

*(Miġjuba bil-Malti mill-Ġermaniż)* *

La taħsbux li kien xi għaġeb minn tal-għajdut inkella xi wieħed minn ta' barra-minn-hawn. Dan is-sieħeb jiena ltqajt miegħu fl-Abruzzi, meta darba waħda fettilli noħroġ indur għalrasi qald l-irdum. Huwa wieħed minn dawk il-bhejjem, li fost il-bhejjem kollha, huma mill-aħjar għalbiex tqatta' siegħa magħhom. Lewnu kien belqi mtabba' bl-isfar; fuq ġbinu kellu beżbuża bajda u fuq rasu żewġ imfietaħ milwija u jleqqu.

Għażiża mugħejża, kull meta niftakar fil-mogħdija tażżmien li ħejjejtli dak in-nhar inħoss li għandi narġa' niżżikħajr mill-ġdid, X'ħajja sabiħa tagħkom li m'għandkom bżonn tittieklu għal ħadd (1) u minn ħadd ma jimpurtakom! Intom tqaċċtu l-ħaxix mingħajr xejn ma titħassbu jekk taħt dik ilblata hemmx mistrieħ xi Ċesri jew Ċesri ieħor kitebx dak iddistku bil-latin safi u mirqum. Intom ma' tqisu xejn ma' min tagħmluha; niftakar, jiena rajtkom toqomsu l'hawn u l'hinn mal-qżieqeż fil-misraħ ta' Orvieto, u li ma kienx għax fil-biben tal-knisja kien hemm il-għassies kollu tehdid, kieku intom bqajtu deħlin bħal kieku xejn taħt l-Aħħar Ħaqq ta' Signorelli u għamiltu l-gabrijoli taħt l-isbaħ koppla ta' l-Italja.

Oh, intom ma tirtmew quddiem ħadd! u dan joqgħodilkom sewwa. Mhux li kieku dawk ta' żewġt irġla kienu bħalkom, mingħajr ebda tirbit ta' ċerimonji! Fl-irħula mbagħad u fuq l-iġbla l-ħlusija tagħkom hija wisq akbar. Għalikom kollox sewwa; lilkom xejn ma jdejjaqkom; kullimkien, fejn issibu lmergħa, hija art twelidkom. Intom twettqu ċ-ċajt minn tagħkom, hemm, fl-irziezet ta' madwar il-Gran Sasso daqs kemm xejn inqas fit-trieq Appja ta' Ruma qalb l-Ingliżi, il-kbarat talknisja u l-imħallfin.

Bhejjem oħra jitgerrxu minna; oħrajn huma mkabbrin wisq bihom infushom sabiex imissu magħna; oħrajn għandhom minn dak iċ-ċajt moħbi illi?xejn•ma jogħġobna. Imma intom il-ħlejjaq l-iżjed dħulin u bnedmenin fost il-ħlejjaq ta' erba' saqajn. Intom għandkom xeħta l-iżjed kbira għat-tixrik magħna. Bilkemm inkunu raddejna lil xulxin "Il-jum it-tajjeb" u "kif inti?", li intom ma tibdewx tferrgħu fi qlubna s-satriet ta' ruħkom il-bhejjemija. U intom tħarsu lejna b'għajnejn hekk kiebja u niffeda li aħna ma nistgħux nagħmlu ieħor; bil-qajl jew mingħajr qajl aħna nħossu li għandna noħorġu ruħna quddiemkom

---

* Der gehörnte Reisekamerad ta' H. Federer.

(1) = tittiekel għal wieħed = tiddependi minn wieħed; bħalma fil-qawl; Min jittiekel għal bormot ġaru, jibqa' bil-ġuħ.

sabiex nuruhielkom. Jiena ma nitħammar xejn jekk ikoll nurikom il-frugħat u l-ħżunijiet, id-dwejjaq u l-għafsiet ta' qalbi U għaliex għandi nkun miżmum li nurikom dana kollu, ja ħlejjaq ta' geddum wiesa', imnieħer ċatt tawwali u qalb safja u ħorra?

Intom twieġbu għat-tnehid tagħna bi kliem farraġi li jinżlilna fi qlubna. Jiena nifhimkom. Intom tgħidulna: "La tiħdux kollox bil-kbir, ja bnedmin ċkejkunija! Kollox imur sewwa, kollox imur sewwa—Biss la teqtgħux qalbkom! żommu raskom il'fuq—U xi kulltant uru ftit il-qrun ukoll! imbagħad, wara, mejqu (1) bil-ferħ kemm tridu!"—Din hija, bejn wieħed u ieħor, it-twissija sabiħa u fejjieda li hemm fit-tiklima (2) tagħkom.

Mela, darba, fost l-oħrajn, jiena ħriġt waħdi qalb il-widien imbegħdin mid-dinja u qbadt trieq li kienet twassal il'barra sakemm sibt ruħi fil-barr għal kollox. Hawnekk ġiet quddiem għajnejja t-twissija ta' ktieb-is-safar fuq l-Abruzzi: Ħarsu ruħkom mill-ħallelin u mill-qattelin. Dina bdiet tagħfas fuq qalbi; u żiedet tagħfas u tagħfas iżjed iżjed ma l-għoljiet saru xagħrija li kienu donnhom għandhom il-mewt bil-qiegħda fuq blathom, u iżjed mal-ħondoq sar iżjed|dejjaq u għamieq u mdellel mis-siġar, li t-tħaxwix tagħhom kien donnu mqanqal minn xi ħalliel moħbi jew minn xi ħanex semmiem. Li kieku minnfloki kien hemm San Franġisk t'Assisi dana kien isaffarlek xi għanja qaddisa bi ħlusija mill-akbar. Jiena wkoll saffart, imma ġagħalni il-biża' li kelli fuqi. Minnufih... is-sema biss jaf mi mnejn... nara hemm quddiemi mogħża ċkejcna, b'dik ir-ras tagħha iebsa, iżda ta' waħda twajba u għaqlija, b'dawk il-qrun felħana u dawk il-għajnejn bla lewn imma ħabbieba. F'ħin wieħed araha tmejjaqli b'ton kollu hena barranija. Minn fuq sidri weqqħet bħal blata u bdejt inkellimha bl-isbaħ taljan li naf jiena: *Ti saluto, mia cara, cara caprina.* Insellimlek, gedida għażiża, għażiża tiegħi!— Inmellisha fuq daharha u hija minnufih tibda timxi miegħi, kollha ferħana. u żżomm dejjem max-xellug bl-akbar edukazzjoni ta' waħda taljana. "Minn fejn inti ġejja, sabiħa tiegħi?" nistaqsi jiena. "Minn hemm fuq, *Signore*, fir-raħal San Carlo ngħammar jiena." — "U ma tibża xejn mill-barranin?" żidt ingħid jiena.—Hija tħares lejja b'ħarsa ta' żebliħ u twieġeb: X'inhu, ma kontx inti jewilla dak li ftit ilu kien qiegħed isaffar? Inti flien bla ħażen ta' xejn. Dana jarah u jifhmu kulħadd minn sitt mili bogħod."—"Iva, iva tassew, il-ħaqq miegħek, għażiża mugħejża. Jiena nitolbok b'kalbi kollha, ibqa', jekk jogħġbok, ma' ġenbi. Jiena niddejjaq noqgħod waħdi f'dawn l-inħawi." —"Jiena noqgħod, iva, biss neħħi d-dwejjaq, *Pellegrino*! Jiena nieħu pjaċir, meta l-bnedmin jitħaddtu miegħi bħal ma waħda minnhom. Tabilħaqq li inti titħaddet taljan imħatteb, imma

---

(1) =għajtu "meqq" bħal-mogħoż.

(2) minn kellem, bħal *tislima* minn *sellem*.

jiena għal bżonn nifhmek ukoll. Kompli għid immela.—F'dan il-waqt jiena nistħarreġ sewwa għall-ewwel darba s-sabiħa tiegħi, u nara kemm għandha mill-bnedmin f'ħarsitha, kemm taf tagħti l-lewn lit-timiq tagħha; kemm taf issamma' sħiħ in-nom u thennen qawwi l-verb u tagħti dejjem lis-sentenza dik il-waqgħa hekk ħelwa u tal-qalb li ġġagħalha ddoqq kisha sentenza minn tat-Tasso.

"Imma, għażiża, sabiħa muqrana, fejn insib xi kenn il-lejla? fejn niltaqa' ma' xi bniedem tajjeb?"

— "Iva, ħabib, ejja miegħi, jiena sejjra ħada r-ragħajja tiegħi. Dawn ukoll iħossu ruħhom ftit imbeżżgħin hawn fil-miġbel, nofs rotob u nofs imdejjqin bħan-nies tal-iġbla. Imma dan m'għandux x'jaqsam. La tarani ħdejk hawnhekk, niċċaċċra ferħana miegħek, aħseb li aħna bħalkieku aħwa u ġib ruħek miegħi bħal ma bniedma bħalek."

—"Nizżikħajr elf darba, *Signorina*, jew *Signora* jmissni ngħid ?"

—"*Signora*," wieġbet il-mogħża b'tusija ta' omm.

"Mela, *Signora*, isma' ftit, jiena għad baqgħali kemm xejn tal-biża'. Il-kotba ta' fuq l-Abruzzi jġibu kull xorta ta' ħwejjeġ koroh" "Ħalli dan għalija, *Pellegrino*. Il-kotba ? Hmm ! dawk huma ħwejjeġ tal-ġenn"—U bil-qima kollha refgħet ħarira denbha...

U hekk hija baqgħet tpassi ma' ġenbi, dejjem max-xellug tiegħi, daqqa tħokk miegħi bid-daqna, u daqqa twarrabha minni, daqqa tnittef xi ħaxixa minn xifer it-trejqa u daqqa tmissli idi biex titlobni xi ħaġa, x'imdaqqiet ukoll iġġebbidli xi ħaġa minn buti bil-galbu kollu ta' waħda taljana mrobbija tajjeb sewwa u mbagħad tgħidli : *Grazie*! u tarġa' titlobni u tisraqli u f'ħin wieħed, bejn ħaġa u oħra, tħarrifli fuq il-għoljiet tajjbin għall-mergħa. Ix-xitwa hija niedja u kiesħa, li minnħabba f'hekk in-nies jitgeddsu ma' xulxin. Iżda mal-ewwel riħ sħun in-nies titla' fuq il-qċaċet. Iż-żergħa tinbet f'daqqa; imbagħad ħalli għall-għanejjaq, u l-gidien jimlew żaqqhom bil-kif u żżej-jed, għad li ma jonqosx min wissihom kemm jiflaħ. Lisfel, mhux darba jew darbtejn ikun hemm xi naqra ta' dib. Għal-hekk, il-dik in-naħa mmorru erbgħa erbgħa u ħamsa ħamsa, in-żommu kemm nistgħu flimkien u bi qrunna l-quddiem ħalli dak ix-xifajk ma joqgħodx jiżżattat. Eh ! *Signore*, darba kienet sabiħa tassew u tqum il-flus, hemm lisfel f'Benozzio. Konna tlieta biss minn tagħna, jiena l-iżgħar waħda, zija minn tiegħi, xiħa daqs għakka kif ingħidlek jien, u zijuwi. Lil dana konna nsejjħulu d-Daqnun, għax leħitu kienet tasallu sal-art. Malli xammejna riħet id-dib, il-għerq ta' botbot wissiena biex noqogħ-du ġwejjdin u qalilna biex nibqgħu newtralin, fil-waqt li huwa jaħbat għall-mingħul; għaliex huwa ried jagħmel kollox waħdu, u wiċċu ma kienx jagħtih li jitlob il-għajnuna lil waħda sinjurina

xwejjħa u lil tfajla. Mela l-biċċa ta' dib oħxon, miswaf u ixheb wasal. Aħna bdejna nirtogħdu, meta ħin bla waqt naraw il-zijuwi jbaxxilek rasu kollu qilla u b'ħeffa tal-għaġeb iwaħħal daqqa fuq geddum id-dib hekk qawwija li waddbitu lura ma ngħidlekx kemm; zijuwi jbus, jirromba bil-qrun, jarġa' ftit lura, jirromba mill-ġdid, isus, iqarnan, jibboksja b'mod li d-dib ma kellu ebda żmien jieħu n-nifs u ma' l-ewwel serħa li tah d-Daqnun—għax zijuwi kien jaf ukoll iħares ir-rwiegel tas-sarar—żgiċċa ħafif ħafif.—Dana kien hemm fuq, fuq Monte Penozzio. In-nies għadha ssemmiha. Ġrajja sabiħa, mhux tassew? Iz-ziju Daqnun ta' min iġibu fil-kotba ta' l-iskejjel, bħal m'hu miġjub Garibaldi.

—Sabiħa tassew; iżda għidli, gedida, jekk jogħġbok, hawnhekk m'hawnx xi ftit ilma? Għandi għatx tal-biża'." "Oh! intom il-bnedmin—*povera gente*—dejjem għandkom il-għatx jew il-ġuħ; waħda mit-tnejn għandu jkollkom. Mingħajr dubju, intom il-koll morda bl-istonku. Eh! li kien jista' jkun ikollkom stonku ta' mogħża, jiena nistħajjel li kontu tibdlu l-qari, il-ktiba u t-tagħdid miegħu."

"Kollu minnu dan, oħti; imma li kien jista' jkun ikolli mqar belgħa ilma!"

"Qajl, qajl; stabar daqsxejn; fi kwarta ta' siegħa nsibu x-xmajra Mazza; hemm ikun hemm qatra ilma għalina t-tnejn."

"*Grazie*, *grazie*; dan ifarraġli qalbi. Mela ssokta ċċaċċar. Bi kliemek jiena ninsa l-għatx. Għandek xi bieb oħra hawn-hekk?"

"Hmm! hemm il-għorieb, il-qżieqeż, in-ngħaġ, il-fniek tal-barr u l-volpijiet.

"Għidli xi ħaġa fuqhom, *Signora*."

"Mal-għorieb immorru tajjeb. Biss għandhom li huma ftit imgerrxin iżżejjed u ma javdawx ruħ li tkun tliet passi bogħod minnhom.—Inti l-irħieb ta' żmien il-qedem tafhom, taf kif kienu jgħixu fix-xagħri. Tajjeb wisq, ara, il-għorieb bħalhom; tilfu kull mess mad-dinja. Huma ma baqagħlhom ebda sura ta' min jagħmilha man-nies, u għalhekk aħna ma nissugrawx iżjed noħ-duhom magħna qalb it-tajfa għolja."

"U l-qżieqeż u n-ngħaġ, *Signora*?"

"M'għandniex xi ngħidu, wara l-għorieb jiġu dawn it-tnejn bħala l-akbar ħbieb tagħna. Minn fuq dahar il-qżieqeż ingħaddu siegħa ġmielha. Huma maħmuġin wisq, ħej, u għafsin ukoll, iżda minn tagħna għall-aħħar. Għal mogħża waħda huma lesti biex iħallu sonżithom tiddewweb. Iżda n-ngħaġ, *per bacco*, li intom tqisu bħal ħrief bla ħtija u ta' sabar, għandhom, jekk jogħġbok, għira daqshiex għalina. Bla fehma daqs it-tagħsida. Moħhom dejjem biex igħadduna u jkunu aħjar minna. L-aħħar tfaħħira tagħhom, li jreddnuha ta' kulljum, hija din: Ix-xiwi tan-ngħaġ

hnwa aħjar mix-xiwi tal-mogħża. M'għandhom ebda ħass ta' ġieh għalihom infushom. Min qatt jitħaddet mix-xiwi tiegħu nnifsu? Ruħ ta' lsir imsejken, biss u biss, tista' titħaddet hekk! Mhux minnu, *Signore*? — U għal dak li jmiss il-fniek tal-barringħidlek li huma ħelwin, imma moħħom ftit ħafif. Aħna nistgħu nidħku bihom kemm irridu. Biss li ngħidulhom: Oqgħodu ġewwa, hawn wieħed bl-ixkubetta; u huma jemmnuna. Bċejjeċ tal-boloh, jekk ixommulna xi riħa ta' pastard jew ta' ġdur, arahom jersqu ħdejna; imma jekk qatt xi werqa taqa' fl-art waqt li qegħdin jieklu, phi, kif jisfaru u jibbiesu; anqas li kellhom ratal ċomb f'daharhom. Ara, lill ħabibi Widintu ngħidlu. "Ma kien xejn għajr werqa taż-żebbuġ, għalkemm setgħet kienet balla daqs żebbuġa" — "X'waħda din, x'waħda din!" iseksek il-fenek—"kif aħna! filli mimlijin bil-ħajja u filli mimlijin bil-mewt. Madankollu kienet werqa żebbuġa, xejn iżjed, ejja mela nkomplu nieklu!" — U bilħaqq kollu, huwa jiekol pitravi u ġdur u ħass daqsna t-tnejn flimkien. Hekk hu tassew!

"Inti fik taqtigħa żmien sabiħa, *Caprina*, u taf titħaddet bil-ħlewwa bħal Boccaccio! U taf tagħti lill kulħadd dak li ħaqqu kif imiss; dana jarah fis kullħadd. Jekk jogħġbok, issokta għid; x'għandkom x'taqsmu mal-volpijiet?"

"Phi! ma' din ix-xorta ta' dbejjeb xtaqt li ma kellna x'naqsmu qatt. Huma aħjen mill-qtates. Iżda aħna għandna bejnietna din ir-riegla. Il-lum nemmnu lill-volpi bil-maqlub ta' dak li hija tgħid. Hija tintebaħ b'dan u tbiddel. Għalhekk il-għada aħna nemmnu bil-maqlub tal-maqlub. U l-pitgħada bil-maqlub tal-maqlub tal-maqlub, *davvero*!

"Rastasur, *Signora*, intom filosfi tassew kbar!"

"Din m'hix xi ħaġa ta' barra mid-dinja, *Signore*. Dak li jkun ma jistax joqgħod jagħmel dejjem il-gabrijoli. Barra minn hekk, x'kelma sabiħa din, hux? Hija mnissla minna. *Capra, capra*! sejjħilna darba Ċiċerun. Issa laħqu żmenijiet ħżiena, sinjur. Jekk wieħed isib zokk ta' pastarda huwa mikfi (1) biż-żejjed. Huwa joqgħod qalb il-blat jixtarr u jarġa' jixtarr. Hemmhekk jiġuh il-ħsebijiet l-iżjed għamieqa fuq kull xorta ta' ħwejjeġ. Huwa jaħseb u jistħarreġ x'jista' jkun il-ġuħ fis-sew u fil-ħaqq. Huwa xi ħaġa positiva jew xi ħaġa negativa, jew fuq kollox xi ħaġa li m'hi xejn? — U x'inhuwa dan li wieħed ikollu xaba'? U għaliex hemm dejjem din il-bidla, xaba' u ġuħ, xaba' u ġuħ? U fejn tispiċċa fl-aħħar din is-sensiela loġika tal-ħajja: fil-ġuħ jew fix-xaba'? Fuq hekk, *Pellegrino* jiena qgħadt darba waħdi waħdi nħammem nofs ta' nhar sħiħ, hemm, fuq Monte Benozzio.—Jiena smajt li l-filosfi tagħkom — irrid ngħid biss l-aħjar — jemmnu f'ġenna tal-bhejjem. *Corpo di bacco*, tgħid

---

(1) = soddisfatt; minn *kefa jikfi*. Minn dal-verb ġejja l-kelma *keffa* li tfisser *nbasta*.

niġu tassew? bil-leħja u bil-ħlieq kollu tagħna u fuq kollox bil-qrun ukoll? Tgħid zijuwi d-Daqnun qiegħed hemm mn'issa?—Ara, ħa ngħidhielek kif inħossha, jekk dak il-botbot daħal hemm, aħna nixxebilku u niddefsu wkoll. X'jidhirlek inti, *Signore*?

Jiena naħseb ġo fija: le, din biċċa bla sens! Iżda minn barra nwieġeb: Jista' jkun, wara kollox, li hemm xi ġenna tal-mogħoż.

"*Zitto*, *zitto*, *Signore*, jiena fhimtek; inti ma temminx biha. Imma la tgħidlix ħaġa b'oħra."

"Gedejda!"—ħennint jiena.

"Intom il-bnedmin hekk intom. Tridu kollox kif jogħġob u jfid lilkom. U mbagħad tridu wkoll il-ġenna kollha kemm hi għalikom biss. Dan ma jagħmlilkomx ġieh. X'deni qatt għamiltlek jiena?

"Gedejduna! jiena tassew inkun ferħan jekk niltaqa' miegħek x'imkien fil-ġenna, w ukoll jekk nara lill-qalbieni għammek (1) id-Daqnun, emminni! u l-għammtek ukoll u..."

"*Basta*, *Signore*, *basta*! Hemm xi ħaġa iżjed ukoll. X'imdaqqiet, meta jiena noħroġ niġġiera fit-triqat tar-raħal tagħna, in-naħa ta' fuq fejn titla' x-xemx, jiena nħoss ħaġa li tolqotli mnifsejja. O kefrija! intom il-bnedmin intom ħatja għal qtil ta' ġens ieħor. Intom titħaddtu bejnietkom fuq il-fwieħa tax-xiwi. Għalija hija ntiena u għajb kbir. Jiena niġri niġri l'fuq sa ma nasal fil-għoli nett fuq il-blat, u hemmhekk nibda naħseb mill-ġdid ta' filosfu li jien. Arani, bħal issa qiegħda naħseb fuq is-sikkina. Ara kif qiegħda nirtgħod. Qiegħda quddiem għajnejja—iskot, iskot, jiena naf aħjar minnek. Iżda għaliex? għaliex? x'għamilnielkom aħna qatt biex iġġibu ruħkom hekk ħażin magħna? Ħalib tajniekom aħna u bhejjem żgħar. Ma tistgħux immela tittennew għalinqas sakemm immutu weħidna? — Imbagħad qaxxruna għalġiehna, u eqelgħulna qrunna wkoll kemm tridu. Iżda għaliex toqtluna fl-aħjar ta' ħajjitna? Kun af, Sinjur, li jekk jiena nintebaħ b'xi ħaġa riesqa lejn għonqi, jiena naqbeż lisfel fuq il-blat jew ninxteħet ġo l-ilma qerriedi ħalli bans immut qabel.

Din l-imsejkna ta' bhejma, ħelwa u ħafifa, kienet qiegħda tħares lejja l-ħin kollu b'għajnejn mimlija titbir. (2) Jiena ridt kieku nsabbarha. Iżda kif, jekk jiena n-nifsi min jaf kemm il-darba kilt ix-xiwi tal-mogħża u li kieku kelli niekol issa wkoll, f'dan il-waqt, kont narġa' niekol bil-qalb kollha?

"Gedida" bdejt jiena, fil-ħin li mellistilna dak id-dahar iebes tagħha "aħna lkoll għandna darba jew oħra naqbdu t-trieq tal..."

---

(1) = zijuk

(2) = twiddib biċ-ċanfir.

"Iskot, *Signore*, dan huwa kliem ta' bla fied. Hija ħaġa ta' b'xejn, bħal meta wieħed fostkom jixtri għoxrin biċċa b'sold. Iżda isma' ix-xmajra Mazza.—Ilma !—Mexxi, isa.

Aħna t-tnejn legligna mill-ħajta ilma irqiqa, li kienet tnixxi minn blata friska u b'hekk insejna l-mewt u l-filosofija. Imbagħad ħallejna l'xulxin u morna kulħadd għal rasu.

* * *

Hekk huma l-mogħoż fl-Appennini, tajfa mimlija ħajjiet-ir-ruħ u dwejjaq, ċaċċir u filosofija, ta' qalb kbira daqskemm ta' għaqal.

Fil-għaxija tlajt ir-raħal, iżda bqajt mingħajr post fil-lukanda; għalhekk mort għand il-kappillan u tlabtu jekk jistax jagħtini ftit tisjir u nbid, u mbagħad, wara, mitraħ biex nimtedd.

Dan il-bniedem tar-ruħ qalli : Tridx mogħża ?

"Pst, pst," pespist jiena malajr, "la tgħajjatx!... hemm isfel!... U wrejt il-bur, fejn xi mogħżiet kienu għadhom jirgħu. Għalija deherli li setgħu jisimgħu.

"Imbagħad... o nuqqas ta' rġulija... jiena kilt mill-mogħża. Il-laħam kien tajjeb qatigħ ! Iżda t-tniggis ta' ġewwa kien aħrax. Ma' kull gidma jiena kont nisma' lilha tingħi minn taħt u rqiq: *Signore*, x'deni għamiltlek jiena ?

K. F

# TAGĦRIF

KUMITAT TAL-GĦAQDA TAL-MALTI (Univ.)

President : Prof. Dun P. P. Saydon
Viċi-President : Ġ. Aquilina
Segretarju : Karmnu Vella
Membri : Ġużè Pace, Wiġi Portelli

KUMITAT TA' LEĦEN IL-MALTI

Ġużè Cauchi
C. Xerri
Wiġi Portelli
Karm Vella

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.